31971R0723

IR-REGOLAMENT (KEFA, EEC, EURATOM) Nru 723/71 TAL-KUNSILL tat-30 ta' Marzu ta' l-1971 li jemenda r-Regolament Nru 422/67/EEC, 5/67/Euratom li jistabbilixxi l-pagi tal-President u membri tal-Kummissjoni, u tal-President, Imħallfin, Avukati-Ġenerali u Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi Kunsill Wieħed u Kummissjoni Waħda [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 6 tiegħu;

Billi huwa l-Kunsill li jiddetermina s-salarji, konċessjonijiet u pensjonijiet tal-President u membri tal-Kummissjoni, u tal-President u membri tal-Kummissjoni, u tal-President, Imħallfin, Avukati-Ġenerali u Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja, flimkien ma' kwalunkwe ħlas li għandu jkun magħmul minflok il-ħlas;

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Regolament Nru 422/67/EEC, 5/67/Euratom tal-Kunsill tal-25 ta' Lulju ta' l-1967 li jiddetermina l-konċessjonijiet tal-President u membri tal-Kummissjoni u tal-President, Imħallfin, Avukati-Ġenerali u Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja [2] kif l-aħħar emendat permezz tar-Regolament (KEFA, EEC, Euratom) Nru 2163/70 [3] għandu jkun emendat permezz tas-segwenti:

(a) Is-segwenti għandhom ikunu sostitwiti ma' l-Artikolu 2:

"L-Artikolu 2

1. Is-salarju bażiku ta' kull xahar għal membri tal-Kummissjoni għandu jkun:

	Minn 1.7.70 sa minn ghal 30.9.70	1.10.70
President	Bfrs 150 500	Bfrs 156 550
Vici-President	Bfrs 136 300	Bfrs 141 800
Membri ohra	Bfrs 122 700	Bfrs 127 650

2. Is-salarju bażiku ta' kull xahar ta' membri tal-Qorti għandu jkun:

	Minn 1.7.70 sa minn ghal 30.7.70	1.10.70
President	Bfrs 150 500	Bfrs 156 550
Imhallef jew Avukat-Generali	Bfrs 122 700	Bfrs 127 650
Registrar	Bfrs 110 150	Bfrs 114 600"

(b) Is-segwenti għandhom ikunu sostitwiti ma' l-Artikolu 3(1)(b):

"(b) Konċessjoni ta' tifel dipendenti għandu jkun ugwali:

— mill-1 ta' Lulju ta' l-1970 sat-30 ta' Settembru ta' l-1970, għal Bfrs 1 536

— mill-1 ta' Ottubru ta' l-1970, sa Bfrs 1 597 għal kull tifel kull xahar."

(ċ) L-ammont massimu ta' konċessjoni għal edukazzjoni, mogħti fl-ewwel ta' l-Artikolu 3(4), għandu jkun imtella' għal:

— Bfrs 1 371 mill-1 ta' Lulju ta' l-1970 sat-30 ta' Settembru ta' l-1970

— Bfrs 1 426 mill-1 ta' Ottubru ta' l-1970.

(d) B'effett mill-1 ta' Lulju ta' l-1970, is-segwenti għandhom ikunu sostiwiti ma' l-Artikolu 4(2) u (3):

"2. Membri tal-Kummissjoni għandhom jirċievu konċessjonijiet rappreżentattivi ta' kull xahar ta':

President	Bfrs 25 865
Vici-President	Bfrs 16 625
Membri ohra	Bfrs 11 085

[1] ĠU C 152, tat-13.7.1967.
[2] ĠU C 187, tat-8.8.1967, p. 1.
[3] ĠU L 238, tad-29.10.1970, p. 1.

3. Membri tal-Qorti għandhom jirċievu konċessjonijiet rappreżentattivi ta' kull xahar ta':

President	Bfrs 25 865
Imhallef jew Avukat-Generali	Bfrs 11 085
Registrar	Bfrs 10 105

Imħallfin li qegħdin jippresiedu l-Kmamar tal-Qorti għandhom jirċievu wkoll matul iż-żmien tal-kariga tagħhom konċessjonijiet speċjali ta' Bfrs 14 780 kull xahar."

Artikolu 2

Pensjonijiet u konċessjonijiet imħallsa fir-rigward ta' l-Artikoli 7, 8, 9, 10, 15 u 20 tar-Regolament Nru 422/67/EEC, 5/67/Euratom jew tad-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' l-14 ta' Ottubru ta' l-1958 li jiddeterminaw il-ħliasijiet tal-membri tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar, kif emendat permezz tad-Deċiżjoni tad-29 ta' Ottubru ta' l-1969, għandhom ikunu riveduti in konformita' ma' l-Artikolu 1 mid-dati fissati b'dawk id-dispożizzjonijiet.

Artikolu 3

Is-sentenza segwenti għandha tkun sostitwita ma' l-aħħar żewġ sentenzi tat-tieni sub-paragrafu ta' l-Artikolu 15(1) tar-Regolament Nru 422/67/EEC, 5/67/Euratom:

"madankollu, jekk il-mewt ta' membru tal-Kummissjoni jew tal-Qorti sseħħ matul iż-żmien tal-kariga tiegħu, l-pensjoni tas-sopravissuta għall-armla għandha, mill-1 ta' Lulju ta' l-1970, tkun ugwali għal 36 % tas-salarju bażiku riċevut fiż-żmien tal-mewt."

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' April ta' l-1971.

Dan ir-regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, it-30 ta' Marzu ta' l-1971.

Għall-Kunsill

Il-President

M. SCHUMANN